C/2024/2382

27.3.2024

Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(C/2024/2382)

Skont l-Artikolu 9(1), il-punt (a), tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]), in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea ([2]) huma emendati kif ġej:

fil-paġna 376,

il-punt 2 tan-Noti ta' Spjegazzjoni tal-intestatura 8703 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Tat-tip vann:

Il-vettura tat-tip vann b'aktar minn ringiela waħda ta' sits għandha tissodisfa l-indikazzjonijiet mogħtija fin-Nota ta' Spjegazzjoni tas-SA tal-intestatura 8703.

Madankollu, vetturi bħal dawn għandhom ikunu kklassifikati fl-intestatura 8704 jekk it-tul massimu intern tal-art tal-parti maħsuba għat-trasport tal-oġġetti jkun aktar minn 50 % tat-tul tal-bażi tar-roti tal-vettura jew jekk ikollhom aktar minn żewġ fusijiet.

Il-vetturi tat-tip vann b'ringiela waħda ta' sits, u mingħajr punti u fittings permanenti ta' ankraġġ għall-installazzjoni ta' sits u tagħmir ta' sikurezza fil-parti ta' wara tal-vettura, kemm jekk ikollhom pannell jew barriera permanenti bejn il-parti għall-persuni u l-parti għat-tagħbija jew twieqi fil-pannelli tal-ġnub u kemm jekk le, għandhom ikunu kklassifikati fl-intestatura 8704.".

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj).

([2]) ĠU C 119, 29.3.2019, p. 1.